# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 10**

**Avviz numru 1662/00/SM**

**Gollcher Company Limited**

**vs**

**Tonio Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija, hamsa u hamsin Lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (LM555.74), liema somma hija dovuta bhala bilanc ta' prezz ta' noll, "haulage" u spejjez relatati, kif jidher ahjar mill-fattura hawn annessa u mmarkata Dok. A;**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-21 ta' Novembru, 2000, li huwa wkoll ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-6 ta' Marzu tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**